GĦAL DINJA AĦJAR

Ktieb tar-Reliġjon tat-Tieni Sena tal-Primarja

GĦAL DINJA AĦJAR

Ktieb tar-Reliġjon tat-Tieni Sena tal-Primarja

GĦAL DINJA AĦJAR

Ktieb tar-Reliġjon tat-Tieni Sena tal-Primarja
Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-Reliġjon fit-Tieni Sena Primarja.

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2014.
Xogħol ikkummissjonat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali
2014 Segretarjat għall-Katekeżi Malta.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.

**Kitba tat-test: Anna Pace Parascandalo, Charlene Micallef Zahra,
Dorianne Farrugia, Louise Fenech, Mansy Cutajar, Maria Sammut, Rodianna Bonanno**

Ħajr lill-Membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lill-Uffiċjali tal-Edukazzjoni Reliġjuża fi ħdan id-Direttorat għall-IStandards u l-Kwalità fl-Edukazzjoni: Ms Antoinette Laferla u Ms Kathleen Bonello, lil Rev. Dr. Carl Mario Sultana, Rev. Dr. Hector Scerri, Rev. Dr. Renè Camilleri għall-pariri esperti tagħhom u lil Dr Mario Cassar għall-qari tal-provi.

Kordinament tax-xogħol: Rev. Dr. Carl Mario Sultana u Ms Mansy Cutajar

Disinn ta' Keith Pavia

M'hemmx diffikultà li dan il-ktieb ikun ippublikat (Nihil Obstat)
18 ta' Awwissu 2014
Dun Hector Scerri (Teologu)

Dan il-ktieb jista' jiġi stampat (Imprimatur)
18 ta' Awwissu 2014
+ Mario Grech, Isqof ta' Ghawdex
President tal-Konferenza Episkopali ta' Malta

Stampat Printit Printing Services

ISBN 978-99957-839-4-5

GĦAL DINJA AĦJAR

Jekk fil-ktieb tal-Ewwel Sena ridna naffermaw li l-Ħajja hi Rigal, ma jistax jonqos li issa fit-Tieni Sena nkomplu niftħu dan ir-rigal u niskopru x'jagħmel il-ħajja sabiħa u kkulurita. Il-ħsieb li jgħaqqad dawn l-ewwel sentejn fl-Edukazzjoni Reliġjuża hu li l-ħajja ngħixuha u niskopruha fis-sabiħ tagħha flimkien.

Alla ma ħalaqniex biex ngħixu weħedna, maqtugħin minn xulxin. Hu flimkien li nikbru, li nitgħallmu, li nimmaturaw. Is-sabiħ ta' barra jrid ikun rifless f'kull wieħed u waħda minna, l-istess bħalma s-sabiħ ġo fina jista' jagħmel differenza kbira fl-ambjenti fejn ngħixu.

Hu għalhekk dan il-ktieb tat-Tieni Sena qed nagħtuh it-titlu ***Għal Dinja Aħjar***. Għadu forsi kmieni għal din l-età li nisħqu fuq l-impenn biex nibnu dinja aħjar. Imma hu minn kmieni li jeħtieġ nedukaw lit-tfal li ġo fihom hemm is-sabiħ li jeħtieġ joħroġ u jesprimuh.

B'ċertu realiżmu lkoll illum qed nirrealizzaw kemm tfal fid-dinja bħalissa qed jiġu misruqa mit-tfulija tagħhom għax dak li hu ikrah u ħażin fid-dinja jaf jisboq bil-qawwa dak li hu sabiħ u tajjeb. Għalhekk, waqt li t-tbatija u n-negattiv ma ninjorawhomx, jew nippretendu li ma jeżistux, minn kmieni rridu nnisslu fit-tfal ir-rieda u l-konvinzjoni li hemm it-tajjeb ukoll u li d-dinja tista' tkun aħjar.

L-edukazzjoni, u fuq kollox l-Edukazzjoni Reliġjuża, trid tkun qabel xejn edukazzjoni fl-attitudnijiet lejna nfusna, lejn ħajjitna, lejn l-oħrajn u lejn l-ambjenti li ngħixu fihom. Id-dinja kif inhi verament teħtieġ fejqan, imma dak li jista' jfejjaqha hu l-Ispirtu t'Alla, li hu Spirtu ħallieq; inħalluh jaħdem fl-attitudnijiet tagħna biex verament jibqa' joħloq permezz tagħna dinja aħjar.

Rev Dr Renè Camilleri

.....minn kmieni rridu nnisslu fit-tfal ir-rieda u l-konvinzjoni li hemm it-tajjeb ukoll u li d-dinja tista' tkun aħjar.

WERREJ

1. Id-dinja sabiħa

1.1 X'hemm bżonn nagħmlu?.....1
1.2 Is-sabiħ fija u fl-oħrajn.....3
1.3 Ir-raġel li għen tassew!..... 5
1.4 Talba sabiħa għal Malta.....7
1.5 Madwarek kollu sabiħ.....9
1.6 Il-fidi li ġabilna San Pawl..... 11
1.7 Meta nħobbu nkunu bil-għaqal tassew... 13
1.8 Kemm huma sbieħ l-istaguni..... 15

2. Il-ħbieb iħobbuna

2.1 Il-ħbieb veri.....19
2.2 Nagħżlu ħbieb tajbin.....21
2.3 Il-ħbieb kbar tagħna..... 23
2.4 Raw lil Ġesu' u ġrew għal ħdejh..... 25
2.5 Nieħdu pjaċir flimkien..... 27
2.6 Inħobbu lil Alla..... 29
2.7 Ġesu' kien tifel bħalna!..... 31
2.8 Meta ma nħobbx irrid nitlob maħfra.....33

3. Il-qalb tajba

3.1 Nagħżel it-tajjeb.....37
3.2 Ngħinu lil xulxin..... 39
3.3 X'nagħmel biex nuri li nħobb?..... 41
3.4 Alla jibqa' jħobbna dejjem.....43
3.5 Ġesu' kien jitlob..... 45
3.6 L-Att tal-Indiema..... 47
3.7 Tista` tagħtini ftit ilma?.....49
3.8 Meta l-ħabib ikun ma jiflaħx.....51

4. Nilqgħu l-aqwa ħabib

4.1 It-talb bħala tifħir..... 55
4.2 Ħafna popli differenti, imma lkoll jitolbu... 57
4.3 Ġesu' jżur lil Marta u Marija..... 59
4.4 Nagħmel dak li hu tajjeb..... 61
4.5 Il-laqgħa tiegħi ma' Ġesu' 63
4.6 Glorja lil Alla.....65
4.7 Ġesu' jimxi fuq l-ilma.....67
4.8 Nersqu lejn xulxin.....69

5. Ġesu' jitwieled bħalna

5.1 Il-Milied iġib miegħu ħafna ferħ..... 73
5.2 Kellhom iħallu darhom!..... 75
5.3 L-Avvent.....77
5.4 L-Istorja tal-Milied..... 79
5.5 X'lejl sabiħ kien!.....81
5.6 Ġesu' jitwieled f'qalbna..... 83

6. Ngħixu bħal Ġesu'

6.1 Il-ħajja hi dejjem sabiħa..... 87
6.2 Meta mhux kollox sabiħ..... 89
6.3 Ġesu' wkoll bata.....91
6.4 Fiex tiftakar?..... 93
6.5 Ġesu' huwa ħaj!..... 95
6.6 X'jixtieq minni Ġesu'..... 97

1 ID-DINJA SABIĦA

1.1 X'hemm bżonn nagħmlu?

Madwarna jiġru ħafna affarijiet!
Tajjeb li nkunu attenti għalihom.

1. Agħżel is-sentenza t-tajba u iktibha fejn hemm bżonn. Pinġi l-istampa.

Grazzi Mulej!
Ħu tiegħi.

2. Ikteb in-numru biex ikollok is-sentenza t-tajba.

1	Għandi nuża l-kelma 'grazzi'		għax tana dak kollu li għandna.
2	L-akbar 'grazzi' ngħiduha lil Alla		tagħmilna ħbieb mill-ġdid.
3	Meta ngħin inkun qisni qed	1	ħafna drabi matul il-ġurnata.
4	Il-kelma 'sorry'		ngħin lil Ġesu'.

Sam u Tara huma bil-ħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Inkunu tassew ħbieb meta (nagħtu ċans, ma nħallux) lil kulħadd jgħid dak li jixtieq.

1.2 Is-sabiħ fija u fl-oħrajn

Aħna kollha għandna fina affarijiet sbieħ u tajbin.

1. Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa.

1. Aħna lkoll kapaċi nagħmlu affarijiet differenti.
2. Dawn jissejħu _____.
3. _____ta t-talenti lil kulħadd.

4. Tajjeb li nużaw dawn it-talenti anke sabiex ngħinu lil _____.
5. Aħna għandna nkunu _____ u nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li tana.

Alla – ~~differenti~~ – ferħana - talenti - ħaddieħor

2. Pinġi ċ-ċrieki li juru dak li għandek inti u imla jew pingi xi ħaġa oħra li għandek.

Jien nobdi malajr.

Jien inħobb ngħin.

Jien naf niżfen.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

L-istampa li pinġiet Marija kienet isbaħ minn tiegħi.
Jien għandi
(nieħu pjacir, niddejjaq b'dan).

1.3 Ir-raġel li għen tassew!

L-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb turina x'jagħmel min iħobb tassew.

1. Pinġi l-istorja.

2. Agħmel ✓ ħdejn is-sentenza t-tajba u ✗ ħdejn il-ħażina.

1. Il-ħallelin qabżu fuq ir-raġel li kien miexi.	✓	2. L-ewwel u t-tieni raġel tawh l-għajnuna.	
3. Is-Samaritan għen lill-ferut u dewwieh.		4. Hu ħa lir-ragel f'lukanda u ħallaslu kollox.	

3. Pinġi dak li għandek tagħmel.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Ngħinu tassew meta (naqdu bil-qalb, naqdu meta jfettlilna) lill-oħrajn.

1.4 Talba sabiħa għal Malta

1. Itlob lil Alla bl-Innu Malti u pinġi l-bandiera Maltija.

Lil din l-Art ħelwa,
l-omm li tatna isimha,
ħares Mulej hekk kif dejjem int ħarist.
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.
Agħti kbir Alla,
id-dehen lil min jaħkimha.
Rodd il-ħniena lis-sid; is-saħħa lill-ħaddiem.
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.



2. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa.

~~ċittadini~~ • paċi • dmirijiet • nirrispettaw • ġenituri

1. Bħala Maltin, Alla jixtieqna li nkunu ___ċittadini___ tajbin.

2. Kulħadd għandu d-drittijiet iżda wkoll id-_____.

3. Bħala tfal, irridu nobdu r-regoli li l-_____ tagħna jagħmlu fid-dar.

4. Hu dmir tagħna li _____ lil kulħadd.

5. Bħala tfal li nħobbu lil Ġesu', għandna dejjem inġibu l- _____ bejnietna.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Alla jridna nżommu ambjent nadif. Il-karta taċ-ċikkulata (nżommuha sakemm insibu dustbin, narmuha fit-triq).

1.5 Madwarek kollu sabiħ

Nistgħu naraw kemm hu sabiħ Alla Missierna meta nħarsu madwarna u naraw il-ħolqien ta' madwarna.

1. Kompli imla' l-istampa b'dak li jogħġbok fil-ħolqien.

2. Qabbel.

1. Alla ħalaq	ried jagħtina rigal.
2. Alla ħalaq l-ambjent għax	fost il-ħolqien kollu.
3. Aħna rridu nibżgħu għalih	dak kollu li naraw madwarna.
4. Il-bniedem hu l-aqwa	nkun qed inħobb lil Alla.
5. Meta nħobb lil ta' madwari	sabiex ingawduh u jkollna ħajja isbaħ.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Il-ġnien kien sabiħ u nadif wisq!
Il-kelb tagħna
(nħalluh jiġri fejn irid,
naraw li ma jagħmilx ħsara).

1.6 Il-fidi li ġabilna San Pawl

Kien San Pawl li lilna l-Maltin għallimna fuq Ġesu'.

1. F'kull linja pinġi il-kelma li tibda bl-aħmar li għandha x'taqsam mal-istorja ta' San Pawl.

ż	a	r	M	a	l	t	a	t
x	t	e	m	p	e	s	t	a
d	ħ	u	ġ	b	a	ħ	a	r
u	p	P	a	w	l	u	i	a
l	u	a	r	t	m	u	t	v
z	a	n	ġ	l	u	n	a	i

2. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fuq il-ġifen.

a) San Pawl kien sejjer Ruma.

b) _____ qabdet ma' jdejn Pawlu.

c) San Pawl dam Malta tliet _____.

d) San Pawl għamel lil _____ bħala l-ewwel _____. ta' Malta.



Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Inħobbu tassew
lil San Pawl meta
(nkunu ta' eżempju tajjeb,
nagħmlu biss dak li rridu).

1.7 Meta nħobbu nkunu bil-għaqal tassew

Meta nħobbu nkunu tfal li qegħdin nagħmlu bħal Ġesu'.

1.Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa.

1. Inħobb lil Alla meta nagħmel dak li ___jridni___ Hu.

2. Nuri l-imħabba tiegħi meta _____ lil min jieħu ħsiebi.

3. Nuri mħabbti aktar lejn Alla meta nieħu ħsieb l- _____ u nara li jkun _____ .

4. Il-ħela hija ħażina. Għandi nuża sew id- _____ u l-_____.

dawl • ilma • nobdi • ~~jridni~~ • ambjent • nadif

2. Marija kellha n-nanna marida. Kienet iċċemplilha kuljum. Nhar ta' Sibt, kienet tieħu l-kotba magħha u tmur tqatta' l-ġurnata għandha. Kienet tmur tixtrilha u tagħmel xi affarijiet żgħar li kien ikollha bżonn in-nanna.

1. Marija kienet (bil-għaqal, ~~għażżiena~~).

2. Kienet tagħmel l-affarijiet (kif jaqbel lilha, kif suppost).

3. Min kien jieħu pjaċir b'Marija? (Il-ħbieb, In-nanna, Il-ġenituri, Il-ġirien).

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Lin-nanniet u lil dawk li jieħdu ħsiebna għandna ngħinuhom (dejjem, meta jkollna aptit biss).

1.8 Kemm huma sbieħ l-istaguni

Alla ħalaq id-dinja bl-istaġuni

1. Pinġi l-istampi u taħt kull stampa, ikteb l-isem tal-istaġun.

Is-sena maqsuma f'erba'staġuni.

Ir-Rebbiegħa

~~Is-Sajf~~

Il-Ħarifa

Ix-Xitwa

Is-Sajf

2. Niżżel l-isem tal-festa taħt kull stampa. Kull festa tigi fi staġun differenti.

Santa Marija

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

L-istaġuni jgħinuna nikbru b'saħħitna. Ejjew nirringrazzjaw (lil Alla, lill-ħbieb) ta' dan kollu.

2 IL-ĦBIEB IĦOBBUNA

2.1 Il-ħbieb veri

X'taħseb li qed jgħidu dawn it-tfal?

1. Immarka b'numru s-sentenza li taqbel ma' kull stampa.

M'għandix x'nagħtikom imma tħobbuni.	3	Mistħi ħafna imma tagħmluli ħafna kuraġġ.	
Ma nistax niġri imma ma twarbunix.		Ta' kulur differenti imma taċċettawni.	

2. Qabbel

Nilagħbu	*lil ħadd.*
Nisimgħu	*lil kulħadd.*
Ma nweġġgħu	*lil xulxin.*
Inħobbu	*ma' kulħadd.*

Sam u Tara huma bil-ħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta jkellimna xi ħadd għandna (nisimgħu b'attenzjoni, naħsbu f'xi ħaġa oħra).

2.2 Nagħżlu ħbieb tajbin

Sħabna jkunu tassew ħbieb tagħna meta jgħinuna nsiru aħjar u mhux meta jdaħħluna fl-inkwiet.

1. Imla fil-post it-tajjeb.

Kuntenti



Imdejqin



~~tgħinni~~ • tgħajjarni • tismagħni • tinkini

2. Agħmel ✓ ħdejn is-sentenza t-tajba u ✗ ħdejn il-ħażina.

1. Il-ħbieb tajba jsellfulek l-affarijiet tagħhom.	
2. Il-ħbieb tajba jgħallmuk tigdeb lill-għalliema.	
3. Il-ħbieb tajba jiffittawk u jinkuk ta' spiss.	
4. Il-ħbieb tajba jisimgħu dak li tixtieq tgħidilhom.	✓
5. Il-ħbieb tajba jċedulek u mhux dejjem tgħaddi tagħhom.	

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Kemm hi ħaġa sabiħa li nkunu tfal (bil-għaqal, li ma nobdux)!

2.3 Il-ħbieb kbar tagħna

Il-ħbieb l-kbar tagħna huma l-ġenituri tagħna, dawk li jieħdu ħsiebna, l-għalliema u l-katekisti.

1. Lill-ħbieb tagħna għandna ngħinuhom.
Pinġi b'wiċċ ferħan ☺ jew b'wiċċ imdejjaq ☹.

	☺ is-sentenzi tajbin u ☹ s-sentenzi l-ħziena	☺	☹
a	Nagħmel l-istorbju f'ħin il-mistrieħ.		☹
b	Nibqa' npaċpaċ meta l-għalliema tkun qed titkellem.		
c	Naħfer lil min jagħmilli l-ħsara.		
d	Inqum lill-anzjani meta jitilgħu fuq il-karozza tal-linja.		
e	Nitlob mal-familja tiegħi.		

2. Pinġi din l-istampa

Għandna ngħinu lil min ikollu bżonn.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Filgħaxija, wara l-ikel (ngħinu, niskartaw) fit-tindif tal-kċina.

2.4 Raw lil Ġesu' u ġrew għal ħdejh

Ġesu' kien iħobb ikun mat-tfal. Kien jieħu pjaċir ikellimhom u joqgħod magħhom.

1. Poġġi s-sentenzi wara xulxin billi tagħmel in-numri fil-kaxxi.

	L-appostli ma riduhomx ikellmu lil Ġesu'.
1	Ġesu' kien għajjien u raqad.
	Huma riedu jkellmu lil Ġesu'.
	Ġew xi tfal u raw lil Ġesu'.
	Ġesu' qam u mar ikellem lit-tfal.

2. Fittex il-kliem t'hawn taħt u wara imla l-vojt fis-sentenzi.

ħafna • Ġesu' • Hu • ħabib • nħobbuh

l	ħ	a	b	i	b	m	b	x
ie	w	r	**ħ**	a	f	n	a	a
l	x	d	**Ġ**	e	s	u'	m	v
n	ħ	o	b	b	u	h	m	k
m	r	**s**	ħ	a	b	n	a	t
l	i	s	a	**H**	u	a	n	a

1. Ġesu' huwa l-akbar ħabib tagħna.
2. Jħobbna _____.
3. Aħna rridu nitgħallmu _____ ukoll.
4. Inħobbu lil _____ meta nħobbu kif kien iħobb _____.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta ommna tgħidilna biex immorru naqduha aħna (ngergru, mmorru bil-qalb) biex nixbħu lil Ġesu'.

2.5 Nieħdu pjaċir flimkien

Aħna nieħdu pjaċir meta nkunu ma' persuni li jħobbuna, li jirrispettawna u li aħna nħobbuhom u nirrispettawhom ukoll.

Hekk kien iħobb Ġesu'!

1. Ikteb il-kliem skont l-istampa.

~~Jgħallem~~ • Ibati • Iferraħ • Jitlob • Jaqdi • Ifejjaq

Jgħallem

2.Pinġi qalb madwar is-sentenzi li bihom nuru li qed inħobbu lil xulxin.

Nobdi malajr.

Ngħin lil kulħadd.

Niġġieled ma' sħabi.

Nitlob anki għal min mhux ħabib miegħi.

Nieħu l-affarijiet bla permess.

Inċedi fil-logħob.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta nħobbu bil-kliem biss (inkunu, ma nkunux) qed inħobbu tassew.

2.6 Inħobbu lil Alla

Alla hu Missier li verament iħobbna.

1. Imla l-vojt bil-kliem ta' taħt u wara imla t-tisliba.

Il-Mulej Hu d-dawl u l-kenn tiegħi,
minn min għandi n_____?
Il-M_____ jieħu ħsiebi;
għalfejn għandi n_____?
Kemm hi s_____ d-dar tiegħek, o Alla!
Fiha n_____ niġi biex niltaqa' miegħek.

nibża' • ninkwieta • Mulej • nixtieq • sabiħa • ~~dawl~~



2. Iva jew le? Pinġi l-kaxxa tal-'iva' bl-aħdar u tal-'le' bil-blu.

		Iva	Le
1	Id-dar t'Alla hija l-knisja.		
2	Irridu nħobbu lil sħabna biss.		
3	Alla jridna nkunu ħbieb ma' kulħadd.		
4	Alla jieħu ħsieb kulħadd.		

Sam u Tara huma bil-ġħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Infaħħru lil Alla meta
(nkantaw fil-kor biss,
nobdu bil-qalb lil min iridilna l-ġid).

2.7 Ġesu' kien tifel bħalna!

Ġesu' kien tifel bħalna. Kien imur jitgħallem, jilgħab ma' sħabu, jgħin u kien attent li qatt ma jweġġa' lil ħadd.

1. Pinġi bl-aħdar l-kaxxa tas-sentenzi t-tajbin.

1	Ġesu' kien jobdi lill-ġenituri tiegħu.	
2	Ġesu' kien jiġġieled ma' kulħadd.	
3	Ġesu' kien jgħin lil missieru Ġużeppi.	
4	Ġesu' kien jinki lil sħabu.	
5	Ġesu' kien iħobb lil kulħadd.	
6	Kien imur jitgħallem il-Kelma t'Alla fis-sinagoga.	

2. X'taħseb li trid tagħmel biex tkun bħal Ġesu'?
Pinġi l-istampi li jonqos u mmarka s-sentenzi t-tajbin.

a)Nitlob qabel norqod.



b)Nagħmel is-sodda.

ċ)Nobdi lill-għalliema.

d)Nisraq il-flus mill-portmoni tal-mama'.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta għandna bżonn xi ħaġa tal-flus, għandna (nitlobu, nieħdu l-flus) lill-ġenituri.

2.8 Meta ma nħobbx irrid nitlob maħfra

Meta ma nħobbux, Ġesu' jistedinna biex nerġgħu nsiru ħbieb billi nitolbu maħfra.

1. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa.

1. Meta aħna nagħmlu l- ħażin inkunu qegħdin nimxu 'l bogħod minn _____ u minn Alla. Ġesu' tana s-Sagrament tal-_____ biex insiru ħbieb miegħu.

2. Qabel inqerru rridu naħsbu _____ sew u _____ li għamilnieilhom.

3. Meta mmorru nqerru il-_____ li qiegħed minflok Ġesu' jagħtina l- _____.

4. Irridu nqerru d-dnubiet tagħna _____.

5. Ġesu' dejjem lest li _____ meta nitolbuh maħfra.

sħabna • Qrar • ~~ħażin~~ • jiddispjaċina • qassis
jaħfrilna • dnubietna • maħfra • kollha

2. Ikteb l-ittra li tmur ma' kull numru

1 = a 2= ċ 3 = i 4 = j 5 = k
6 = l 7 = n 8= o 9= r 10 = z

9	3	5	8	7	2	3	6	4	1	10	10	4	8	7	3
r															

*Il-Qrar insejħulu s-Sagrament tar-*_____

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Biex inħobbu tassew irridu nuru (bil-verita', taparsi) li qed jiddispjaċina ta' dak li għamilna.

3 IL-QALB TAJBA

3.1 Nagħżel it-tajjeb

Meta nagħmlu dak li hu tajjeb aħna nkunu ferħanin.
Meta nagħmlu l-ħażin inkunu mdejqin.

1. Agħti kulur aħmar jekk il-ħaġa hija tajba u imla bil-kulur aħdar jekk ħażina:

	Tifel ħabat miegħek. Int imbuttajtu.	TAJJEB ĦAŻIN
	Għamilt il-*homework* pulit u nadif.	TAJJEB ĦAŻIN
	Għent fit-tindif tal-kċina.	TAJJEB ĦAŻIN
	Qabel irqadt għedt talba ħdejn is-sodda.	TAJJEB ĦAŻIN

2. Ikteb iva jew le?

1. Meta tisraq gomma, din issir tiegħek.	Le
2. Meta tgħin lil ommok hi tkun ferħana u jkollha ċans aktar tilgħab miegħek.	
3. Jekk tagħmel ix-xogħol tal-iskola ħażin l-għalliema ma tgħidlikx 'bravu' u anke ommok tirrabja miegħek.	
4. Meta int tiġġieled mat-tfal tal-klassi tkun qed turi kemm int bravu.	
5. Meta tirfes il-fjuri tal-ġnien tkun qed tagħmel il-ġid.	

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

L-affarijiet tal-oħrajn (huma, m'humiex) tagħna. Irridu nitlobu permess biex nużawhom.

3.2 Ngħinu lil xulxin

Jien irrid min jgħinni meta għandi bżonn.
Mela nagħmel l-istess mal-oħrajn.

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tpinġi ċirku madwarha:

1. Il-ħabib tal-klassi ma laħaqx ikkopja l-lezzjoni.

a. Tugżah lill-għalliema.

b. Tagħtih il-pitazz tiegħek.

2. Ommok għandha ħafna x'tagħmel u ħuk qiegħed jibki.

a. Tibqa' tilgħab bil-kompjuter.

b. Tmur tieħu ħsieb ħuk.

3. L-għalliema tgħidilkom li ma tantx tiflaħ.

a. Titkellmu aktar mis-soltu.

b. Noqogħdu kwieti.

2. Aħna għandna bżonn lil xulxin. Imla l-bżieżaq bil-kelma t-tajba.



Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta naraw lil min hu mdejjaq
għandna
(naħdmu, ma nagħtux kas)
biex inġibu l-ferħ.

3.3 X'nagħmel biex nuri li nħobb?

Biex juru li jħobbuna l-ġenituri u dawk li jieħdu ħsiebna jagħmlu ħafna affarijiet għalina!

Kemm iħobbuna!

1. Meta nagħmlu ħażin irridu nitolbu maħfra lil min inkunu weġġajna. Agħmel ċirku madwar il-kliem li rridu ngħidu.

Skużani • Grazzi • Prosit • Aħfirli

2. Pinġi: Inweġġa' lil xi ħadd meta:

	nigdeb	SKUŻANI	
	ngħajjar	nitlob	
AHFRILI	nagħmel il-*homework* traskurat	inwarrab lil xi ħadd	
	ninki	naħfer	niekol

Sam u Tara huma bil-ħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta ngħajru nkunu qed (infaħħru, inweġġgħu) lil xi ħadd.

3.4 Alla jibqa' jħobbna dejjem

Jien kont it-tifel iż-żgħir għand missieri.
Din hija l-istorja tiegħi.

1. Immarka l-kelma t-tajba.

a) It-tifel (iż-żgħir, ~~il-kbir~~) ried jitlaq mid-dar ta' missieru.

b) Il-missier kien (ferħan, imdejjaq) meta t-tifel telaq.

c) It-tifel mar il-belt u (nefaq, faddal) il-flus kollha.

d) Spiċċawlu l-flus u ħbiebu (baqgħu miegħu, telquh).

e) Ma kellux x'jiekol u daħal jirgħa (ż-żwiemel, l-ħnieżer).

f) Hu ħaseb li għandu (jibqa' hemm, imur lura lejn dar missieru).

2. Immarka kif kompliet l-istorja b'numri.

Malli raha lil ibnu, ġera għal fuqu u għannqu miegħu.	
Il-missier kien jistenna lit-tifel li jiġi kuljum.	1
It-tifel il-kbir ma ħax pjaċir li kienet se ssir festa.	
Il-missier ordna li jagħmlulu festa.	

3. Għaqqad.

1. Il-missier tal-istorja huwa	nagħmel ta' rasi.
2. Nixbah lit-tifel iż-żgħir meta	ma naħfirx.
3. Inkun qisni t-tifel il-kbir meta	Alla.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Għanda naħsbu fl-oħrajn
(qabel, wara)
dak li jogħġob lilna.

3.5 Ġesu' kien jitlob

Ġesu' kien jitlob ħafna drabi kuljum. Biex inkunu qalbna tajba rridu nagħmlu l-istess ħaġa.

1. Pinġi l-istampa ta' Ġesu' jitlob.

Hu kien jitlob qabel: jibda jipprietka, jagħmel il-mirakli, jiekol, jorqod u jgħallem lill-appostli.

2. Imla t-talba ta' qabel l-ikel.

Grazzi Ġ_____ tal-_____

li pprovdejtilna u tal-ġ_____

kollu li rċevejna mit-_____

tiegħek, A_____.

Barra qabel u wara l-ikel, nistgħu nitolbu wkoll ...
Ħares lejn l-istampi u ikteb in-numru ħdejn is-sentenza.

Qabel nibda l-HW.	
Qabel norqod.	1
Meta nqum.	

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta nroddu s-Salib sew aħna qed
(nitolbu, ngħinu)
lil Ġesu' jkun magħna.

3.6 L-Att tal-Indiema

Meta jiddispjaċini ta' dak li nkun għamilt ħażin, nitlob bit-talba tal-Att tal-Indiema.

1. Imla l-vojt u pinġi.

Mulejja_____

tiegħi, Inti

_____ ħafna.

Jiddispjaċini talli

għedtlek_____

bi dnubieti.

Mil-_____

`il quddiem bil-

għajnuna tiegħek

ma _____

nagħmel dnubiet

iżjed. U rrid

_____

fuq _____.

2. Meta ngħid 'sorry' bil-qalb nuri li jien tassew naf inħobb. Ħares lejn l-istampa u imla l-kelma t-tajba mill-kaxxa.

Ngħid 'sorry' meta
ngħaffeġ il-__fjuri____.

Ngħid 'sorry' meta
niġġieled ma' _____.

Ngħid 'sorry' meta
nħalli l-_____ miftuħ.

Vit • ~~fjuri~~ • sħabi

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

L-Att tal-Indiema hija talba li biha aħna (ngħidu 'sorry', infaħħru) lil Alla.

3.7 Tista' tagħtini ftit ilma?

Ġesu' talab ftit ilma lis-Samaritana. Ried jagħmilha mara tajba.

1. Pinġi fejn jonqos mill-istampa.

2. Aqta' l-kelma.

Ġesu' talab lis-Samaritana ftit

____ilma____ biex jixrob. Meta

kellmet lil Ġesu' saret mara

_____. Hi marret il-belt

u qalet lis- _____ l-oħra fuq Ġesu'

u huma wkoll saru _____ tiegħu.

ħbieb • Samaritani • ~~ilma~~ • tajba •

Sam u Tara huma bil-ħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta jkollna qalbna tajba ma' sħabna jfisser li jkollna qalbna tajba ma' (Ġesu', ħbiebna) wkoll.

3.8 Meta l-ħabib ikun ma jiflaħx

Ġesu' kien ifejjaq u jgħin ħafna.
Bħalu, aħna rridu ngħinu kemm nistgħu.

1. Poġġi dawn l-istampi kif jiġu wara xulxin u pinġi fejn hemm bżonn.

Ġesu' ltaqa' man-nies li kienu morda.

3

Wieħed biss mar jirringrazzjah.



Ġesu' fejjaq għaxra minnhom.

2. Tifla ħabiba tiegħek tweġġa' u tikser sieqha. Pinġi l-kaxxa t-tajba fejn turi x'l-aħjar li għandek tagħmel.

Agħmel ☺ għat-tajbin u ☹ għall-ħżiena	☺	☹
1. Iċċemplilha u tkellimha.	☺	
2. Titlob għaliha.		
3. Titlob il-permess tal-ġenituri u tmur taraha.		
4. Tgħid lit-tfal biex meta tfiq ma jkellmuhiex.		
5. Tibgħatilha kartolina.		

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta sħabna jkunu
morda għandna
(nitolbu għalihom, ninsewhom).

4 NILQGĦU L-AQWA ĦABIB

4.1 It-talb bħala tifħir

Ġesu' magħna l-ħin kollu. Ejjew inkellmuh ta' spiss. Meta nitkellmu ma' Ġesu' nkunu qed nitolbu.

1. Pinġi fejn hemm bżonn. Ikteb il-frażi t-tajba ħdejn l-istampi.

Grazzi tan-nies li jħobbuni.
~~Grazzi tax-xita li tagħtina.~~ • Mulej grazzi li nsib min jgħinni.

Grazzi tax-xita li

tagħtina.



2. Din il-ġimgħa sa nitolbu għal _____

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Irridu nitolbu għal (dawk li jħobbuna biss, kulħadd) biex inħobbu lil Ġesu'.

4.2 Ħafna popli differenti ... imma lkoll jitolbu

1. Imla l-vojt:

1. Fid-dinja n-nies jitolbu f' _____ differenti.

2. Li titlob hi dejjem ħaġa _____tajba_____.

3. Ħafna nies jużaw il-_____ u oħrajn jużaw ukoll iż _____ bħala talb.

kant

żfin

~~tajba~~

postijiet

2. Qabbel is-sentenzi – uża kuluri differenti.

1. Aħna nitolbu biex	kullimkien, l-aktar ġol-knisja.
2. Għandna nirrispettaw lil min	nirringrazzjaw lil Alla.
3. Nies ta' reliġjonijiet differenti	jitlob differenti minna.
4. Aħna nitolbu u nfaħħru lil Alla	xorta jitolbu kuljum.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Għandna
(naċċettaw, ma naċċettawx)
lil dawk li jitolbu differenti minna.

4.3 Ġesu' jżur lil Marta u Marija

Marta u Marija kienu jħobbu ħafna lil Ġesu'. Meta Ġesu' mar għandhom, Marija biss baqgħet ħdejh!

1. Agħżel it-tajba.

1. Marta u Marija kienu (~~ħbieb~~, aħwa).
2. Ġesu' kien (jieħu pjaċir, jiddejjaq) imur għandhom.
3. Ġesu' (xtaq, ma xtaqx) li Marta u Marija joqogħdu ħdejh.
4. Marija qagħdet (fil-kċina, ħdejh).
5. Marta, malli ġie Ġesu', baqgħet (issajjar, taqra).

2. Meta tagħmel hekk, tkun qed tagħmel bħal Marija? Ikteb is-sentenza t-tajba ħdejn l-istampa.

1. Inlesti l-basket tal-iskola minn filgħaxija biex filgħodu mmur il-quddies.

2. Immur il-quddies u noqgħod inpaċpaċ mal-ħabiba tiegħi.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Għandna niftakru f'Ġesu' u ngħidulu li nħobbuh, (kuljum, darba f'xahar).

4.4 Nagħmel dak li hu tajjeb

Matul il-ġurnata rridu naħsbu biex nagħmlu għażliet tajba.

1. Waħħal ritratt jew pinġi lilek innifsek qed tagħmel xi ħaġa tajba.



1a. Imla s-sentenza.

M e t a n __ għm __ l __ t- t__ jj __b

__ ns __ r __ kt __ r b __ l – għ __ q __ l.

2. Liema minn dawn huma għażliet tajbin? Pinġi l-kaxxa.

nitlob kuljum	■	nirrispetta lill-ġenituri	
niġġieled ma' sħabi		inċempel lin-nanna	
inwebbes rasi		nirrispondi u ma nobdix	
ngħin lil sħabi		naħfer	

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Biex nagħmlu t-tajjeb għandna dejjem naħsbu (qabel, wara) nagħmlu xi ħaġa.

4.5 Il-laqgħa tiegħi ma' Ġesu'

Qabel nitqarben għandi ngħid din it-talba biex nirċievi lil Ġesu' sew.

1. Imla bil-kliem it-tajjeb it-talba ta' qabel it-Tqarbin.

~~Mulej~~ • saqaf • kelma • ruħi

M<u>ulej</u>_,

ma jistħoqqlix

li tidħol taħt

is-s_____ tiegħi,

iżda għid

biss k_____

waħda u r_____

tkun imfejqa.

2. Imla l-vojt u pinġi l-istampa.

Meta nkun ħa nirċievi lil Ġesu' għandi nara li ___jdejja___ jkunu nodfa. Ngħid _____ lill-qassis meta jgħidli: "Il-Ġisem ta' Kristu". Ninżel sew f' _____ bil-kwiet. Jien inġorr lil _____ kull fejn inkun.

Ammen

~~jdejja~~

Ġesu'

posti

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Matul il-ġurnata għandna niftakru li Ġesu' qiegħed fina; allura (nobdu, ma nobdux).

4.6 Glorja lil Alla

Alla jieħu pjaċir meta nfaħħruh bit-talb u bil-kant.

1. Pinġi skont in-numri.

1 = aħmar *2 = blu* *3 = isfar*

4 = aħdar *5 = oranġjo* *6 = vjola*

2. Imla l-ewwel parti tal-Glorja.

bnedmin • nadurawk • glorja • ~~smewwiet~~ • sema • ħaruf

Glorja 'l Alla fil-għoli tas smewwiet u paċi fl-art lill-_____ ta' rieda tajba. Infaħħruk, inberkuk, _____, nagħtuk ġieħ,irroddulek ħajr għall-_____ kbira tiegħek. Mulej Alla, Sultan tas-_____, Alla Missier li tista' kollox. Mulej, Iben waħdieni, Ġesu' Kristu,Mulej Alla,_____ t'Alla, Bin il-Missier.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Infaħħru lil Alla meta nżommu l-paċi
(bil-kliem biss, b'dak li nagħmlu).

4.7 Ġesu' jimxi fuq l-ilma

Ġesu' hu l-Iben t'Alla.
Jixtieq ħafna li aħna nħobbuh billi nafdawh.

1. Pinġi l-istampa.



2. Sib dan il-kliem:

d	k	**Ġ**	e	s	u'
għ	v	b	v	u	**f**
a	f	**i**	s	o	i
j	b	l	q	l	d
s	l	m	w	d	i
a	p	a	t	z	s

Ġesu'

fidi

ilma

~~**dgħajsa**~~

Jien nafda lil Ġesu' għax Hu jħobbni.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Nafdaw lil dawk li jieħdu ħsiebna meta (nemmnu, ma nemmnux) dak li jgħidulna.

4.8 Nersqu lejn xulxin

Madwarna għandna nies li jridulna l-ġid u għalhekk iħobbuna.

1. Immarka Iva jew Le.

1. It-talb iressaqna qrib xulxin.	Iva
2. Alla jagħtina dak li huwa ta' ġid għalina.	
3. Il-ħbieb ħżiena ma jiħdux gost bil-ġid tagħna.	

2. Pinġi bl-aħmar in-nies li jħobbuna.

iz-zijiet

l-għalliema

in-nanniet

il-ħbieb ħżiena

il-ħallelin

il-ħbieb

il-katekisti

il-ġenituri

3. Imla t-talba tal-Anġlu Kustodju ġħax dan hu ħabib kbir tagħna. Pinġi kif taħseb li hu l-anġlu tiegħek.

Anġlu

t'_____,

li fit-tjubija tiegħu.

Alla tani biex tħarisni.

Dawwalli

_____,

ħarisni, żommni u

_____,

f'dan

il- _____

Ammen.

Sam u Tara huma bil-ġħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Ngħidu t-talba tal-Anġlu Kustodju
(kuljum, meta niftakru)
ġħax l-anġlu hu rigal
ġħalina minn Alla.

5 ĠESU' JITWIELED BĦALNA



5.1 Il-Milied iġib miegħu ħafna ferħ

1. Kompli żejjen din il-kamra għall-festa tal-Milied.

2. Agħti l-kulur lil dawk is-sentenzi li juruk kif għandek tipprepara għal din il-festa.

1. Fid-dar tiegħi narma l-presepju.
2. Fil-klassi narmaw siġra tal-Milied biss.
3. Fiż-żmien tal-Milied naħseb f'min hu fil-bżonn.
4. Għalija l-Milied ifisser rigali biss.
5. Nieħu sehem fil-purċissjoni tal-Milied.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Fil-Milied naħsbu
(kemm ħa ngawdu biss,
lil min nistgħu ngħinu).

5.2 Kellhom iħallu darhom!

Qabel twieled Ġesu', Marija u Ġużeppi kellhom iħallu d-dar tagħhom biex imorru Betlem.

1. Aqra dawn is-sentenzi li qalu Ġużeppi u Marija u agħmel il-wiċċ skont kif taħseb li ħassewhom.

1. Kellna iħallu Nazaret.

2. Xi vjaġġ twil għandna!

3. Ma sibniex post fil-lukandi.

4. Hawn dan il-għar.

5. Sellfuna baqra u ħmara biex insaħħnu l-għar.

2. Kieku Marija u Ġużeppi ħabbtu l-bieb tad-dar tiegħek, inti x'kont tagħmel?

Indaħħalhom • Inħallihom barra
Nagħtihom jieklu • Inkeċċihom • Nitkellem magħhom

Imla t-tajbin.



Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta naraw lil xi ħadd fil-bżonn għandna (nwarrbuh, ngħinuh).

5.3 L-Avvent

Iż-żmien ta' qabel il-Milied jissejjaħ l-Avvent.

1. Imla l-vojt b'dan il-kliem u wara erġa' iktbu fit-tisliba.

xemgħat • vjola • ~~miġja~~ • girlanda • roża • dawl

1. Il-kelma 'Avvent' tfisser miġja.
2. Fil-knisja naraw il-_____.
3. Fil-girlanda jkun hemm erba' _____.
4. Id-_____ jirrappreżenta lil Ġesu' Kristu.
5. Tliet xemgħat ikunu _____.
6. Ix-xemgħa l-oħra tkun _____.



2. Fuq kull xemgħa ikteb kif tista' tferraħ lil ħaddieħor fi żmien l-Avvent ħalli huma wkoll ikollhom Milied hieni. Wara imla l-girlanda bil-kuluri.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Fl-Avvent tajjeb li
(naħsbu, nixxalaw)
kif sa nsiru aħjar.

5.4 L-Istorja tal-Milied

1. Aqra dawn is-sentenzi u poġġi n-numru fil-kaxxa t-tajba u pinġi l-istampi.

1. Ġużeppi u Marija marru Betlem.
2. Huma ma sabux post f'Betlem.
3. Ġesu' jitwieled f'għar fqir.
4. Xi maġi marru biex jaraw lil Ġesu'.



Sam u Tara huma bil-ħaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Ġesu' twieled biex ingawduh (fil-Ġenna, fl-art) għal dejjem.

5.5 X'lejl sabiħ kien!

Anġlu deher lir-ragħajja u ħabbrilhom li kien twieled Ġesu' s-Salvatur tad-dinja.

1. Agħti l-kulur lill-istampa.



2. Il-messaġġ tal-anġli, kollu qiegħed hawn taħt, imma mhux qiegħed tajjeb. Tista' tirranġah?

fl-għoli Glorja tas-smewwiet. lil Alla

Glorja lil Alla fl-għoli tas-smewwiet.

fl-art tajba ta' rieda lill-bnedmin u paċi

twieled Illum għalikom

Salvatur, l-Mulej. Kristu li hu

tal-annimali. Issibuh stalla ġo

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Aħna bħar-ragħajja għandna nkunu (ferħanin, imbikkijin) li nistgħu niltaqgħu ma' Ġesu'.

5.6 Ġesu' jitwieled f'qalbna

Ġesu' jitwieled f'qalbna meta aħna nħobbu u nirrispettaw lill-oħrajn.

1. X'qed jagħmlu dawn it-tfal biex Ġesu' jitwieled f'qalbhom dan il-Milied? Iddiskuti mal-għalliema.

Kif sa jitwieled f'qalbi Ġesu' dan il-Milied?

2. Aħseb f'xi ħaġa li tista' tagħmel int waħdek jew ma' ħaddieħor biex Ġesu' jitwieled f'qalbek. Ikteb u pinġi dwarha.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Fil-Milied għandna nagħtu
(minn dak li qlajna,
miż-żejjed li għandna)
lil min m'għandux.

6 NGĦIXU BĦAL ĠESU'

6.1 Il-ħajja hi dejjem sabiħa

Fil-ħajja tagħna mhux dejjem ikollna affarijiet li jogħġbuna. Imma xorta l-ħajja hija sabiħa.

1. Kompli s-sentenzi billi tagħżel it-tajba.
Kif taħseb li għandek iġġib ruħek quddiem dawn l-affarijiet?

~~għandi nifraħ u ngħid 'grazzi' lil Ġesu'.~~
għandi naħfirlu u ma ngħajrux lura.
għandi ngħinha bil-qalb.
m'għandix ngħajjar lil min tilef.

1. Meta nġib kollox tajjeb fil-klassi __għandi nifraħ u ngħid 'grazzi' lil Ġesu'.__.

2. Meta nirbaħ xi logħba _____
_____.

3. Meta jmissni ngħin lill-mama` _____
_____.

4. Meta xi ħadd jgħajjarni _____
_____.

2. Għin lil Sally issib il-ħbieb billi timmarka t-triq it-tajba.



Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta nkunu qed nilagħbu
għandna nifhmu li rridu naċċettaw
(lil kulħadd,
lill-ħbieb tagħna biss).

6.2 Meta mhux kollox sabiħ

Hawn ħafna nies ibatu f'ħajjithom.

1. Kif qed ibatu dawn it-tfal? Ikteb in-numru ħdejn l-istampa.



1.	Tfal li jgħajruhom.
2.	Tfal l-isptar minħabba xi mard.
3.	Xogħol tal-iskola li jsibuh diffiċli wisq.
4.	Tfal li ħadd ma jrid jilgħab magħhom.

2. Agħżel it-tnejn tajbin u pinġi l-bżieżaq sofor.
Agħżel it-tnejn ħżiena u pinġi l-bżieżaq ħodor.
Biex inkun tassew inħobb lil Ġesu' rrid:

Inwaħħal f'kulħadd meta ma nirbaħx.

Nagħmel kuraġġ lil min tilef.

Nifhem li xi darba rrid nitlef.

Naħdem biex ma jirbaħ ħadd ħliefi.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Malli ssejħilna l-mama' għandna (ma nagħtux kas, mmorru malajr).

6.3 Ġesu' wkoll bata

Imma Ġesu' jrid jeħlisna mit-tbatija.

1. Ikteb in-numri wara xulxin ħdejn l-istampi skont kif seħħet l-istorja ta' Ġesu'.

Ġesu' kiel mad-dixxipli.

Ġesu' kien arrestat.

Ġesu' talab bil-lejl fil-Ġnien taż-Żebbuġ.

Ġesu' mar għand Pilatu.



Ġesu' ħafer.

Ġesu' kien ikkundannat għall-mewt tas-salib.

1



Kienet ix-xewqa ta'Ġesu' li jkun mad-dixxipli.



Ġesu' miet imsallab.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Fil-Ġimgħa l-Kbira għandna (nieklu l-ħelu, mmorru naraw il-purcissjoni tal-Passjoni).

6.4 Fiex tiftakar?

Xi postijiet, affarijiet jew nies jistgħu jfakkruna fit-tbatija ta' Ġesu'.

1. Qabbel l-affarijiet mal-ġrajja permezz tan-numri.

1. L-imsiemer		Meta Ġesu' talab fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
2. Is-siġra taż-żebbuġ		Meta Ġesu' kien inkurunat bix-xewk.
3. Il-ħuġġieġa nar	1	Meta lil Ġesu' sammruh bl-imsiemer.
4. Ix-xewk		Meta Ġesu' kien msammar fuq salib.
5. Is-salib		Meta lil Ġesu' tawh jixrob il-ħall.
6. Il-ħall		Meta Pietru ċaħad lil Ġesu' ħdejn ħuġġieġa nar.

2. Għaqqad in-numri. Pinġi u aqra x'qalilna Ġesu'.

1. Sħabek iwarrbuk?		In-nies għażlu lil Barabba minflok lil Ġesu'.
2. Tkun qed tibża' ħafna?		Ġesu' qala' daqqa ta' ħarta.
3. Ikollok rasek tuġġħek?		Ġesu' kellu jġorr is-salib.
4. Ikollok iġġorr basket tqil?	1	Lil Ġesu' ħallewh ħbiebu.
5. Xi ħadd isawtek?		Ġesu' kellu kuruna tax-xewk.
6. Jagħżlu lil ħaddieħor u lilek iwarrbuk?		Ġesu' fil-ġnien beża'.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta naraw lil xi ħadd ibati,
aħna għandna
(mmorru ngħinuh,
nibqgħu għaddejjin).

6.5 Ġesu' huwa ħaj!

Marija Madalena kienet l-ewwel persuna li rat lil Ġesu' wara li qam mill-mewt.



1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.

1. Marija ta' Madalena ġiet ħdejn il-qabar u rat il-__blata__ mneħħija.

2. Marija ħarset fil-qabar, rat żewġ _____ imma Ġesu' ma kienx hemm.

3. Huma staqsewha għaliex kienet qiegħda _____.

4. Hi rat raġel u ħasbitu l-_____,

5. Meta hi ndunat li dak ir-raġel kien _____ mtliet bil-_____ u marret tgħid lill-appostli.

Ġesu'	~~blata~~	anġli	ġennien
	tibki	kuraġġ	

2. Pinġi l-istampa.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Nuru bil-verità l-ferħ li ġab il-qawmien ta' Ġesu' mill-mewt meta (naħdmu biex issaltan il-paċi, naħdmu biex inkunu kuntenti aħna biss).

6.6 X'jixtieq minni Ġesu'?

Ġesu' rebbieħ jixtieq li nkunu ferħanin tassew billi ngħixu kif jixtieqna hu.

1. Immarka dak li jixtieq Ġesu' b' ✓
Immarka dak li ma jixtieqx Ġesu' b' ✗

1. Nobdi lill-għalliema.	✓
2. Nieħu lapes li mhux tiegħi.	
3. Niġġieled ma' sħabi fil-bitħa tal-iskola.	
4. Nilgħab ma' tifla li m'għandhiex ma' min tilgħab.	
5. Immur il-quddies.	
6. Ngħajjar lil tifel mill-klassi tiegħi.	
7. Noqgħod attent waqt il-lezzjoni.	
8. Ngħin lill-ġenituri.	

2. Għaqqad in-numri. Pinġi u aqra x'qalilna Ġesu'.

Jien it-triq.
Jien il-verita'.
Jien il-ħajja.

Sam u Tara huma bil-għaqal. X'jixtiequ jgħallmuna?

Meta niftakru f'dak li għamel Ġesu' għalina għandna naħdmu biex (insiru aħjar, nibqgħu l-istess).

Jekk fil-ktieb tal-Ewwel Sena ridna naffermaw li l-Ħajja hi Rigal, ma jistax jonqos li issa fit-Tieni Sena nkomplu niftħu dan ir-rigal u niskopru x'jagħmel il-ħajja sabiħa u kkulurita. Il-ħsieb li jgħaqqad dawn l-ewwel sentejn fl-Edukazzjoni Reliġjuża hu li l-ħajja ngħixuha u niskopruha fis-sabiħ tagħha flimkien.

ISBN 978-99957-839-4-5

9789995783945

segretarjat għall-katekeżi